Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

**A:** Local Councils' Association **T:**
Local Government Building, **E:**
Triq il-Gvern Lokali,

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 47**

**Data:** Il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2021
**Ħin:** 16:30
**Post:** Boardroom Salini Resort Qawra

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association T:
Local Government Building, E:
Triq il-Gvern Lokali,

**47.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.46**

47.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

47.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti.

**47.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 46**

| | |
|---|---|
| **47.2.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li s-sejħa ġiet awarded is-sejħa u kien hemm l-ewwel laqgħa mal-kuntrattur fejn dan huwa mistenni jippreżenta proposta ta' disinn fil-jiem li ġejjin. Wara li din tkun approvata għandu jinbeda x-xogħol. |
| **47.2.2 Group Life Policy** | Il-President semma li b' żieda għal dak li intqal għall-aħħar laqgħa, ġentilment xtaq jinforma li l-każ kien f' idejn is-Segretarju Permanenti sabiex sabiex issir l-emenda tal-Legal Notice li tirregolarizza din il-polza. |
| **47.2.3 Kontroll tal-Ħamiem** | Il-President semma li l-għada, il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju kienet ser issir konferenza stampa sabiex jiġi imnidi l-proġett. |
| **47.2.4 Diskrepanza fi ħals ta' bolla fuq il-PE number tal-AKL** | Il-President semma li dan il-bilanċ kien tħallas. |
| **47.2.5 Rinovar tal-Binja tal-AKL** | Il-President semma li kienu għaddejjin diskussjonijiet u għaddew ukoll id-dokumenti kollha neċessarji lill-INDIS sabiex jiġi kkonsidrat ċensa ta' erbgħin sena. |
| **47.2.6 Ingaġġ ta' Uffiċjali mar-Reġjuni** | Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-Presidenti Reġjonali u d-Diviżjoni rigward l-ingaġġ ta' dawn l-uffiċjali. |
| **47.2.7 Reverse Plastic Vending Machines** | Il-President semma li d-dokument kien iċċirkulat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali kollha. Daħlu xi kummenti li kienu relevanti u ġew inklużi fid-dokument. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

| | |
|---|---|
| **47.2.8 Webinars u taħriġ organizzat mill-AKL** | Il-President semma li li minkejja li l-AKL qed torganizza Webinars u taħriġ għall-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli, l-attendenza qed tkun wisq fqira. Il-President ħeġġeġ lill-Presidenti Reġjonali sabiex jippromovu dawn il-Webinars anki waqt il-laqgħat Reġjonali u jħeġġu lis-Sindki u l-Kunsilliera sabiex jattendu. |
| **47.2.9 Sejħa għall-ġbir ta' skart organiku f' żoni turistiċi minn stabbilimenti tal-ikel** | Il-President semma li s-sejħa kienet għalqet u bdiet l-evalwazzjoni fuq l-offerti. Semma li l-Board ser ikun qed jagħlaq din l-evalwazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin. |
| **47.2.10 AC Units** | Il-President semma li l-bejt ġie imnaddaf minn kull AC unit sabiex ikun jista' jibda l-proġett ta' spazju miftuħ għall-laqgħat fuq il-bejt. |
| **47.2.11 Jum internazzjonali Donaturi tad-Demm** | Il-President semma li kien inġibed filmat ta' postijiet fil-lokalitajiet li inxtgħelu b' dawl aħmar. Il-President semma li kien hemm aktar Kunsilli li xegħlu biss pero minħabba loġistika ta' filming u anki budget kellhom jittieħdu shots ta' l-ewwel 25 Kunsill li ikkonferma li ser ikun mixgħul mill-1 ta' Ġunju 'l quddiem. |
| **47.2.12 PCRB – Bus Shelters** | Il-President semma li kien hemm seduta online quddiem l-PCRB rigward il-każ tal-Bus Shelters. Minħabba dupplikazzjoni ta' zogħol il-PCRB waqqaf il-proċess sakemm ikun hemm konklużjoni mill-Qorti fuq l-istess kwistjoni. Il-President semma li fir-rigward tas-sentenza mill-Qorti li ngħatat fil-każ tal-Kunsill Lokali tal-Marsa hija wahda favorali.<br>Il-Preisident semma wkoll li l-kuntrattur eżistenti li miegħu l-AKL għandha ftehim, fil-ġimgħat li ġejjin ikollhom l-ewwel proto type ta' Bus Shelters fejn ser ikun jikkonsisti minn green roof , sistema ta'Wifi u panelli solari.<br>Is-Sur Mark Grech semma li l-Kunsilli Lokali qed ikollhom problema għax mhux jeħlu Bus Shelters. Il-President semma li Transport Malta mhix tapprova dawn l-applikazzjonijiet għaldaqstant il-proċess jinstab imwaqqaf. Il-President semma li l-kumpanija FACES għamlet ordni ta' 600 Bus Shelter u klassifikat l-Bus Shelters eżistenti fi tliet kategoriji; dawk li jistgħu jssiru b'mod immedjat, dawk li għandhom bżonn xi alterazzjonijiet u dawk li jridu tibdil infrastrutturali. Dawk ikkatgorizzati fl-ewwel kategorija, intbgħatu lil TM għal no objection, TM wara sena għadha ma tatx no objection. Biex wieħed japplika għal DNO mal-Awtorita' tal-Ippjanar għandu bżonn in-no objection minn |

| | |
|---|---|
| **47.2.13 Testijiet tas-Smiegħ b' xejn fil-lokalitajiet** | Il-President semma li waqt l-aħħar laqgħa kien hemm approvazzjoni mill-Eżekuttiv sabiex l-AKL tesplora l-possibbilita' li terġa tibda l-kampanja ta' testijiet tas-smiegħ b' xejn fil-lokalita'. Il-President semma li eżatt ftit jiem wara l-laqgħa tal-Eżekuttiv inġib għall-attenzjoni tiegħu li Membru Parlamentari flimkien ma' MEP kienu bdew kampanja simili fil-lokalitajiet. Il-President semma li l-AKL ma ġiet ikkonsultata fl-ebda ħin. Għaldaqstant, huwa tal-fehma li l-AKL ma tirrepplikax proġetti li diġa huma fis-seħħ. |
| **47.2.14 Dokumenti ta' Linji Gwida fuq il-Pillastri tal-Viżjoni tal-AKL** | Il-President semma li kienu tlestew l-ewwel drafts ta' l-ewwel sett ta' linji gwida fuq l-EVs, Parkeġġi u Shared Mobility. Dawn ser ikunu qed jagħddu għall-attenzjoni tal-Eżekuttiv, Sindki u Kunsilliera għall-kummenti tagħhom. |

**47.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 46**

47.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Anthony Mifsud ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Mejju 2021 u l-24 ta' Ġunju 2021 li kienet tammonta għall-€308,424.28.

**47.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **47.4.1 Ħaddiema – Studenti** | Il-President semma li l-AKL kienet għada ma kellha l-ebda konferma li ser tingħata studenti fuq placement għal matul ix-xhur tas-Sajf. |
| **47.4.2 Ħlas ta' Memberships** | Il-President semma li l-AKL irċeviet sabiex tħallas il-membership anwali ta' CLGF kif ukoll AEFP Solidarity Contribution 2021. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva dan il-ħlas. |
| **47.4.3 Attivita' anwali tas-Sajf – BBQ għall-Membri Eletti u ħaddiema AKL** | Il- President semma li issa li ħafna mil-miżuri relatati mal-pandemija COVID-19 kienu qed jiġu relaxxatti, propona li l-AKL għandha torganizza il-BBQ anwali għall-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Fuq proposta tal-President l-Eżekuttiv qabel li din l-attivita' għandha issir. |

**47.4.4 MoU Ġemma**

Il-President semma li l-MoU mal-Aġenzija Ġemma kien iffirmat ftit tal-jiem ijlu. L-AKL ser tkun qed tiltaqa' mal-Aġenzija fuq bażi regolari sabiex jiġu mħejjija sensiela ta' sessjonijiet u clips edukattivi fuq immaniġjar ta' flus kif ukoll pjanar aħjar ta' kif wieħed jagħti prijoritajiet fil-ħajja. Kopja tal-MoU anness u mmarkat bħala Dok A.

**47.4.5 Revużjoni tal-ħlas tal-ġbir tal-Borża organika mill-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-AKL iltaqgħet mal-Wasteserv peress li jidher li hemm pendenzi kemm dawk li l-Kunsilli jridu jħalsu lill-Wasteserv u anki pendenzi dovuti lill-Kunsilli Lokali mill-Wasteserv. Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil li jkun hemm laqgħa fejn għaliha jkunu mistiedna rappreżentanti tad-Diviżjoni u anki mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali sabiex jaraw il-possibilita' li jkun hemm off-setting ta' bilanċi li hemm.

**47.4.6 Aċċessibbilita' fil-Binja Gvern Lokali**

Il-President semma li l-binja li tokkupa l-AKL mhix aċċessibbli għaldaqstant l-AKL kienet applikat għall-iskema tal-aċċessibilia' maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semma li jidher li l-AKL kienet daħlet f' kompetizzjoni mal-Kunsilli Lokali sabiex tieħu l-fondi għal dan il-proġett. Wara li l-AKL ġiet innotifikata li ma kienx hemm biżejjed fondi għall-Kunsilli li applikaw għall-istess skema, il-President ħass li l-applikazzjoni tal-AKL għandha tiġi irtirata sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi. Il-President qal li saret talba diretta lill-Ministru sabiex l-ispejjeż relatati mal-lift jiġu ffinanzjati mill-Ministeru.

**47.4.7 Team Building**

Il-President semma li hemm fondi Norveġiżi li l-AKL tista' tibbenifika minnhom permezz tal-MoU li kien iffirmat mad-Diviżjoni sabiex jiġi organizzat team building għad-Diviżjoni, Kunsilli Reġjoanli u Kunsilli Lokali. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li din l-attivita' għandha issir.

**47.4.8 Proġett ta' għotji ta' Defibbilators**

Il-President propona li l-AKL flimkien mar-Reġjuni jimplimentaw proġett nazzjonali fejn il-Kunsilli Reġjonali anki bl-għajnuna tal-AKL jagħtu għotja ta' defibbilator lil kull Kunsill Lokali. Dan il-proġett huwa wieħed b' risq il-komunitajiet. Semma li għandu jkun hemm MoU bejn il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi sabiex dawn

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

jikkomprometttu ruħhom sabiex issir il-manutenzjoni li jkun hemm bżonn wara li dawn jiġu installati kif ukoll jingħata taħriġ neċessarju sabiex dawn jintgħużaw. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li dan il-proġett gaħndu jsir. Il-Presidenti tar-Reġjun Għawdex u Reġjun Nofsinhar ikkonfermaw li huma diġa taw għotja ta' dan it-tip lill-Kunsilli li jappartjenu lilhom. Minkejja dan l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tibda tikkonsulta ma' nies esperti fil-qasam sabiex tkun tista' tinkiteb is-sejħa kif ukoll tingabar informazzjoni mill-Kunsilli Lokali sabiex jingħata rendikont ta' min diġa għandu.

**47.4.9 Permessi maħruġa mill-MTA**

Il-President semma li l-MTA kienu għaddew kopja draft ta' MoU sabiex ikunu jistgħu jinħarġu permessi temporanji għat-tliet xhur tas-sajf lill-ħwienet tal-ikel sabiex jużaw spazji pubbliċi biex jarmaw imwejjed u siġġijiet. Il-President semma li każini u bars m' humiex intitolati sabiex jibbenifkaw minn dan il-ftehim. Il-President semma li l-AKL kienet qed tikkomunika mal-Kunsilli sabiex tiġbor lista tal-Kunsilli li huma interessati li jkunu parti minn dan il-ftehim.

**47.4.10 Elezzjoni AKL**

Il-President semma li l-Partit Laburista ser ikun qed jagħmel l-elezzjoni interna għall-kandidati prospettivi għall-AKL, nhar is-Sibt, 3 ta' Lulju 2021.

**47.4.11 Dokument dwar il-kwistjoni tal-Karavans**

Il-President semma li kien ħejja dokument f' dan ir-rigward. Huwa talab lis-Segretarja tgħaddi kopja lill-Eżekuttiv. Kopja tad-dokument anness mal-minuti u mmarkat bħala DOK B.

**47.4.12 Approvazzjoni ta' rimborzz ta' fondi tal-LESA 2018**

Il-President semma li d-data li Kunsill Reġjonali/ Kunsill Lokali kellu jissottometti r-rapport finali tal-proġetti ffinanzjati mill-fondi tal-LESA 2018 sa l-aħħar ta' Mejju. Għaldaqstant, ġew preżentati r-rapporti kollha li l-AKL irċeviet. L-Eżekuttiv ħass il-ħtieġa li jkun hemm kjarifika fuq ir-rapport finali ppreżentat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann qabel dan jitħallas. Għaldaqstant, ir-rapport finali ma ġiex approvat u ser ikun qed jinżamm pendenti sakemm il-Kunsill jissottometi l-kjarfiċi u jerġgħu jitresqu quddiem l-Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-kumplament tar-rapporti finali sabiex ikunu jistgħu jitħalsu.

**4.4.13 Proġetti ffinanzjati mill-fondi LESA 2018 pendenti**

Il-President semma li kien hemm żewġ Kunsilli Lokali dawk ta' San Ġiljan u tal-Iklin li talbu estensjoni sabiex iwetqu l-proġetti li huma applikaw għalihom taħt dan il-fond. Il-

President preżenta korrispondenza fejn turi biċ-ċar li dawn il-Kunsilli ġew kostretti li ma jlestux il-proġetti tagħhom fil-ħin minħabba negliġenza u dewmien bla bżonn sabiex jakwistaw permessi minn entitajiet governattivi oħra. Għaldaqstant, fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li dawn għandhom jingħataw estensjoni sal-aħħar tas-sena 2021, sabiex dawn il-proġetti jiġu konklużi.

Il-President semma li r-Reġjun Xlokk ukoll ressaq talba sabiex jingħata estensjoni sabiex il-proġett propost ikun jista' jiġi ffinalizzat. Jidher li r-Reġjun Xlokk kellu problema bil-kuntrattur li kien ta' nazzjonalita' barranija u li minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija u anki l-lingwa (Indjan) kien hemm dewmien aċċessiv sabiex din il-mobile app titlesta. Chev. Paul Farrugia asstjena milli jieħu sehem fid-deċiżjoni li l-Eżekuttiv kien ser jieħu minħabba l-kunflitt ta' interess. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li għandu jkun hemm estensjoni sal-aħħar tas-sena 2021 sabiex dan il-proġett jiġi konkluż.

Reġjun Tramuntana kien bagħat ir-rapport finali eżatt ftit siegħat qabel il-laqgħa tal-Eżekuttiv għaldaqstant, l-Eżekuttiv iddeċieda li dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**4.4.14 Compose+**

Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tiftaħ kont bankarju għall-proġett Compose+

**47.5 Affarjiet oħra**

47.5.1 Is-Sur Michael Fenech Adami xtaq iressaq ilment uffiċjali quddiem l-Eżekuttiv tal-AKL sabiex jinforma li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qed iressaq talba f' isem il-Kunsill lir-Reġjun Ċentru sabiex jieħu fondi biex jinqata' dejn li ħalla l-istess Micheal Fenech Adami meta kien Sindku ta' l-istess lokalita' minħabba li kien ta direct order lill-VMC contractors. Is-Sur Michael Fenech Adami semma wkoll li għal-laqgħa tar-Reġjun attenda l-Viċi Sindku ta' l-istess lokalita' fejn għamel laqgħa sħiħa jgħajjar lill-President Reġjonali bid-dejn li kien ħalla warajh fil-Kunsill ta' Birkirkara.

47.5.2 Is-Sur Michael Fenech Adami talab ukoll lill-President tal-AKL sabiex ir-Reġjun Ċentru jkun jista' jagħmel użu minn fondi tal-proġetti tal-LESA li Kunsilli Lokali ma kienux utilizaw. Il-President sostna li minkejja huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni, il-fondi huma tal-LESA u għaldaqstant talab lis-Sur Fenech Adami sabiex ir-Reġjun jagħmel talba formali lill-AKL sabiex tkun tista' tgħaddiha lill-LESA.

47.5.3 Is-Sur Jesmond Aquilina rrimarka li l-Kunsilli Reġjonali rċievew korrispondenza mid-Direttur għall-Gvern Lokali rigward il-high balance funds li l-Kunsill Reġjoanli qed

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
**T:**
**E:**

iħallas u li skond id-Direttur hemm l-imaxx li r-Reġjun qed jieħu minn fuq dawn il-fondi li qed jagħmel tajjeb għal din l-ispiża. Il-Presidenti Reġjonali sostnew li dan mhux il-każ, għax ir-Reġjun qed iħallas ferm wisq interessi minn kemm ser ikun qed jieħu imgħaxx.

Is-Sur Fava semma li tkellem mad-Direttur u d-Direttur ser ikun qed jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu. Il-Presidenti Reġjonali ilmentaw li d-Diviżjoni tat fondi kbar sabiex jiġu depożitati fil-kontijiet bankarji tar-Reġjun filwaqt li l-iskemi li ijlhom li għalqu 'l fuq minn għaxar xhur għadhom lanqas biss bdew jaġġudikawhom. Semmew li huma ferm frustrati li hemm Kunsilli jixtiequ jibdew jimplimentaw il-proġetti u jużaew dawn il-fondi imma minħabba tkaxkir tas-saqajn u dewmien dawn il-fondi jinstabu reqdin fil-kontijiet bankarji tar-Reġjuni. Chev. Farrugia semma li huwa meta informa b' dan lid-Direttur responsabbli mill-iskemi, ir-risposta li ħa kienet li l-Ministru jaf b' dan id-dewmien għax hemm nuqqas ta' riżorsi umani fid-Direttorat. Is-Sur Jesmond Aquilina semma li l-accounts tar-Reġjuni telgħu ratio surrejali u dan ser ikollu impatt ħażin anki fuq ir-rapporti finanzjarji li r-Reġjuni jippreżentaw. Is-Sur Mario Fava semma li huwa innotifika b' dan it-tħassieb lid-Direttur responsabbli kif ukoll lid-Direttur Ġenerali aktar minn seba' darbiet imma s' issa ma kienx hemm azzjoni.

**47.6 Aġġornament**

47.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.48 li nżammet nhar it-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021.

**Mario Fava**
**President**

Dok A

# Memorandum of Understanding for the Strategic Partnership between ĠEMMA – Plan, Know, Act and the Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

This Memorandum of Understanding (MoU) entered into on 27th April 2021 between the parties:

**ĠEMMA Know, Plan, Act** within the Office of the Permanent Secretary within the Ministry for Social Justice and Solidarity, the Family and Children's Rights having its registered office in 310, Palazzo Ferreria, Republic Street, Valletta VLT 110 duly represented by the Permanent Secretary, Mr Mark Musu

(hereinafter referred to as 'ĠEMMA')

And the

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** having its registered office at Local Council Association, Local Government Building, Local Government Road, Marsa represented by Mr Mario Fava, President of the Association and Ms Lianne Cassar, Executive Secretary of the Association

(hereinafter referred to as 'AKL')

Collectively referred to as the 'Parties'

## Overview

01. ĠEMMA and the AKL recognise the need to engage with communities in regions and local councils in Malta and Gozo in order to strengthen their knowledge on money management so that they are in better position to manage their money and finances for their wellbeing.

02. ĠEMMA and the AKL further recognise that the adoption of a Strategic Partnership for the provision of financial capability education youths allows for more effective and efficient use of the organisations' respective resources.

## Principles

04. The principles that underpin this Strategic Partnership are the following – that the programme and content applied in the undertaking of knowledge, communication, information and training initiatives relating to youths and money management is:

(a) Unbiased.
(b) Fair.
(c) Accurate.
(d) Impartial.
(e) Of a high quality.
(f) Educational.
(g) Objective.

Knowledge, Communication, Information and Training Digital Skills and Money Management Material

05. To the extent that is possible the parties will use different forms of digital and traditional material in their joint initiatives on financial capability within communities in regions and local councils in Malta and Gozo

## Form and Content

06 The language (Maltese and / or English) and content of financial capability education actions and materials must take into account the characteristics of the respective communities in regions and local councils in Malta and Gozo in a way that increase their knowledge and understanding of money management.

## Conditions and Use of Promoting ĠEMMA and the AKL

07. Without prejudice to the principles stated in 04 above:

(a) The use of the logo and references to the ĠEMMA and the AKL brand in financial capability education actions and materials undertaken under this MoU must be appropriate and aimed solely at identifying ĠEMMA and the AKL as a Strategic Partner.

(b) Both parties provide authorisation for the use of each other's respective logo as a means of promoting the Strategic Partnership.

(c) No permission is needed to make further use of the related material in other fora as long as the main objective is that of financial capability education.

## Programme of Activities

08. The programme of activities that are to be carried out under this Strategic Partnership consist of the following:

08.1 The design of content, resources, tools, etc. for a retirement and money management programme that includes matters relating:

(a) Managing a daily budget and financial goals.
(b) Differentiating between wants and needs.
(c) Managing debt.
(d) Building a safety net.
(e) Managing savings
(f) Planning for the future.

08.2 Undertaking of joint knowledge campaign on retirement and money management directed towards communities in regions and local councils in Malta and Gozo.

08.3 Participating in and supporting AKL, Regional Councils and Local Councils in the carrying out of presentations / workshops on financial capabilities to communities Malta and Gozo.

08.4 Undertaking joint initiatives on financial capability within communities in regions and local councils in Malta and Gozo as appropriate.

08.5 Identifying Strategic Partners to ĠEMMA who are ready to work with ĠEMMA and AKL on this programme.

## Term of Strategic Partnership

09. The term of this Strategic Partnership is for a period of 3 years from the date of signing.

### Contacts

10 The main point of contacts shall be:

For the AKL:
Lianne Cassar
e-mail: lcassar@lca.org.mt
Tel: 356 25968000

For ĠEMMA:
David Spiteri Gingell
GEMMA Programme Leader
Ministry for Social Justice and Solidarity, the Family and Children's Rights
e-mail: david.spiteri-gingell@gov.mt
Tel: 356 9995 8765

## Implementation Practices

11. Both parties agree to coordinate their efforts for the implementation of the mentioned training programme and for the dissemination of mutually agreed communications to the different stakeholders.

12. The cost of running each individual initiative shall be discussed between the parties prior to the undertaking of an activity.

### Intellectual Property Rights[1]

13. The IPR (programme, slides, etc.) created by ĠEMMA to meet the objectives of this Strategic Partnership are available for use by AKL at any time.

14. In making use of the IPR created by ĠEMMA, AKL is to prominently display the ĠEMMA logo.

## Data Protection

15. The Parties acknowledge that the performance, implementation and execution of this MoU may require the processing of personal data as defined in the General Data Protection Regulation (Regulation (EU) 2016/679, the 'GDPR').

16. The Parties shall, if and where required to process personal data and sensitive personal data for the purposes of this MoU, comply with all applicable data protection legislation, including but not limited to the GDPR and the Data Protection Act (Chapter 586, Laws of Malta), as well as by any direction issued by the Office of the Information and Data Protection Commissioner (IDPC) Malta in this regard.

[1] **Intellectual Property Rights** means all present and future rights conferred by statute, common law or equity in any territory in or in relation to copyright and related rights, moral rights, trade marks, designs, patents, database rights, circuit layouts, business and domain names, inventions and rights in goodwill or to sue for passing off or equivalent rights or forms of protection (whether or not registered or capable of registration) and all applications (and rights to apply) therefor, and for renewals and extensions of, any such rights as may now or in the future exist anywhere in the world.

17. Each Party shall remain fully and solely responsible for ensuring that any data processing operation/s it, or any other person acting under its authority, carries out for the purposes of implementing this MoU, comply/ies with all applicable law.

## Governing Law and Arbitration

18. Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this MoU, or the breach, termination or invalidity thereof, shall be governed by Maltese law and settled by arbitration in accordance with Part IV (Domestic Arbitration) of the Malta Arbitration Act, 1996 and the Arbitration Rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force. The following additional rules shall apply to arbitration:

    (a) The appointing authority shall be the Malta Arbitration Centre;
    (b) The number of arbitrators shall be three;
    (c) The place of arbitration shall be Malta;
    (d) The language to be used in the proceedings shall be English;
    (e) The applicable substantive law shall be Maltese law.

Signed in two (2) originals, one (1) for each for each Partner,

For and on behalf of GEMMA

Mark Musu
Permanent Secretary
Ministry for the Social Justice and Solidarity, the Family, and Children's Rights

Mario Fava
President
Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Lianne Cassar
Executive Secretary
Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Date: 27/04/21

Dok B

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Lil Min tikkonċerna,

F' isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, qed nibgħat dawn il-kummenti, fid-dawl li mhux se jkun possibli għalija li nattendi l-laqgħa tal-ġimgħa d-dieħla. Ovvjament, il-kummenti huma ġeneriċi għaliex ma nafx liema aspett tas-suġġett se jiġi diskuss.

- **Introduzzjoni**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali titlaq mill-punt li mhux kull lokalita' għandha spazji ta' rikrejazzjoni fejn ir-residenti tagħha jistgħu imorru. Aktar minnhekk, bosta huma dawk il-familji li jgħixu f' appartamenti li lanqas għandhom zvogg ta' gallarija adekwata, bitħa jew ġnien fejn it-tfal jistgħu jirrikrejaw ruhom. Għaldaqstant, zoni desenjati għal rikrejazzjoni huma imperattivi. Nifhmu wkoll li hemm familji li ma jaffordjawx saqaf taħt rashom u li jmorru jokkupaw spazju pubbliku f' *caravan*, huwa l-uniku mezz għalihom ta' kenn. Allura hawn iridu nħarsu wkoll l-aspett soċjali, flimkien ma' dak rikrejattiv.

Wieħed irid joqghod attent għalhekk li jkun hemm approċċ wiegħsa b' mod li ma jinħolqux konflitti bejn individwi li għandhom prijoritajiet differenti għall-uzu tal-istess art. Hawn qed ninkludi wkoll l-aspett agrikolu u l-bdiewa.

Zoni rurali huma dawk meqjusa bħala b' popolazzjoni inqas, zoni agrikoli u b'riżorsi naturali. Dawn huma skarsi f' Pajjizna u għaldaqstant, il-prijoritajiet tagħna għandhom ikunu iffukati.

Jekk ma jkunx hemm pjan ħollistiku, l-uu ta' artijiet protetti ma' oħrajn użati għal '*camping*', '*hiking*' u '*picnics*' se joħolqu konflitt. Wieħed irid jagħmel ukoll distinzzjoni netta bejn spazji fil-kampanja ma' dawk li jinsabu tul il-kosta. Dan għaliex tista' tintefa pressjoni aktar fuq dawn tal-aħħar.

Il-pressjoni hija waħda staġġjonali għaliex postijiet tul il-kosta se jkollhom pressjoni ferm iktar qawwija tul ix-xhur tas-sajf u jistgħu joħolqu ukoll konflitt bejn min ikun qed jokkupa l-post b' karavan u resident oħra li jmorru hemm b' intenzzjoni li jirrilassaw għal ftit siegħat u jirritornaw lura d-dar. Ma jkunx gust li l-istess nies għal perjodu ta' tul ta' żmien, jokkupaw u jagħmlu użu minn zona jew art pubblika li hija ta' kulħadd.

Wieħed irid ukoll jagħmel distinzzjoni bejn strutturi li jinġarru fuq karru jew jinġibdu wara vettura u bejn dawk li huma mekkanizzati u jistgħu jinstaqu (*campervans*).

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

- **Prijorita'**

Wieħed għandu jara' x' jaqbel lil Pajjiżna, partikolarment il-lokalitajiet li huma desenjati biex jilqgħu fihom dan il-kunċett ta' rikrejazzjoni. Se mmorru għal spazji zgħar imma f' numru ikbar ta' siti jew f' inqas siti imma siti kbar? Se mmorru għal zoni jew siti li jinbidlu skont l-istaggjonalita? Se nħarsu lejn l-impatt li dan jista' jkollu fuq l-industrija tat-turiżmu? Qegħdin naraw kif siti mal-kosta' jistgħu joħolqu konflitt mall-użu ta' *slip ways*? Mhux biss għax dawn ikunu blokkjati imma wkoll għaliex ma' din il-problema ta' l-użu tal-art mill-karavans, tiżdied ukoll dik tal-karrijiet ta' sidien ta' dagżjjes li jtellgħu u jinżlu l-qoxra tagħhom kull darba li jagħmlu użu minnha. Qegħdin naraw li se jkun hemm xi tip ta' infurzar?

Ċertament li siti żghar imma mifruxa mall-Pajjiż kollu joħolqu inqas impatt minn siti kbar imma inqas fin-numru. Dan mhux biss għal impatt viżiv imma wkoll minħabba l-impatt fuq l-infrastruttura, l-indafa, sistema ta' dranagg, '*supply*' ta' ilma etc. Nemmnu li f' siti kbar, wieħed ikun irid jagħmel ukoll assessjar tal-impatt ambjentali. Minn naħa l-oħra, siti żgħhar imma mifruxa mall-Pajjiż kollu, huma iktar diffiċli biex jidu maniġġjati u milħuqa minn forzi tal-infurzar.

- **L-involviment tal-Kunsilli Lokali**

Bħal kull ħaga' oħra li sseħħ fil-lokalitajiet, irridu naraw x' involvement se jkollhom il-Kunsilli Lokali. Huwa fatt li dawn is-siti ta' karavans, joħolqu ċertu problemi u mhux darba jew tnejn kellhom jissejjħu l-forzi tal-ordni sabiex jikkontrollaw sitwazzjonijiet qabel ma dawn eskalaw ferm iktar.

L-esperjenza uriet li meta l-kunsilli lokali jkollhom jistrieħu fuq xi entita oħra għall-immaniġġjar jew infurzar, dawn ħafna trabi jitħallew weħidhom. Dan huwa fatt li ma jista jmerih ħadd u prova ta' dan huwa l-immaniġġar tal-iskart u l-abbuż li jmur miegħu. Minkejja l-ħafna wegħdiet, il-Kunsilli jitħallew weħidhom sabiex jiffaċċjaw l-ilmenti tan-nies u r-resident u l-infurzar imwiegħed jibqa' qatt ma jsir. Forsi rrid nistqarr li din hija xi ħaga li nbatu minnha bħhala Pajjiz u socjeta fl-iktar mod mifrux tagħha, għaliex qajla aħna ddixxiplinati li nibżgħu għal dak li hu misluf għandna u li rridu nħalluh għal ta' warajna.

Għaldaqstant, huwa mportanti li l-Kunsilli Lokali jkunu nvoluti f' *policies* bħal dawn għaliex huma jistgħu ukoll jagħtu s-soluzzjonijiet għaliex jafu l-lokalitajiet tagħhom aktar u aħjar minn kull entita jew agenzija oħra. Il-membri eletti jgħixu mar-residenti tagħhom 24/7 u allura jafu l-isfidi tal-irkejjen tal-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Dan għandna nuzawh għall-vantagg tagħna u mhux ninjorawh.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Hawn jiġu f' moħħi zoni bħal; Baħar iċ-Ċagħak, Salini, Żonqor u Żejtun li joffru sfidi kbar. Irridu noqgħodu attenti wkoll minn siti oħra li huma desenjati għal *camping* jew *picnics.* Dawn ukoll ħafna drabi nsibu fihom strutturi illegali li minn temporanji spiċċaw strutturi permanenti u allura joħolqu konflitt ma' dawk li jridu jagħmlu użu mill-post għal ftit siegħat u jirritornaw lura d-dar. Għalhekk l-infurzar huwa kruċjali għaliex jgħin biex jintlaħaq bilanċ bejn użu differenti tal-art.

- **L-Uzu tal-art u permessi**

Hawnhekk, wieħed irid jagħmel distinzzjoni ċara bejn permessi temporanji u permessi '*short term*'. Sa fejn naf jien, illum jeżistu biss permessi temporanji bla ma hemm indikat ċar kemm hu t-tul tal-permess temporanju. Qed nitkellmu fuq ġurnata, ġimgħa, xhur? Il-permessi mogħtija, għandhom setgħa ta' tiġdid awtomatiku wara d-data ta' skadenza? Huwa ġust li sid ta' karavan, qabel ma jitlaq minn fuq is-sit, jipparkja fl-istess post vettura oħra privata biex iżomm il-post okkupat għal meta jerġa' jiġi l-*weekend* ta' wara, jew il-ġimgħa ta' wara? Huwa ġust li ma jkunx hemm għalhekk, użu aħjar tal-istess spazju u li kulħadd ikollu l-istess ċans li jgawdi dak is-sit partikolari? Huwa gust li dawn jintefgħu quddiem lukanda għal sajf sħiħ u jokkupaw xtajta sħiħa għal tlett xhur tas-sajf u r-residenti tal-lokal ma jkollhomx aċċess liberu għaliha? Għandu jkun hemm olternanza fil-permessi maħruġa? Għandu jkun hemm '*waiting list*' organizzata u uffiċċjali għal kull sit indikat bħala sit ta' karavan?

Għhandu jiġi appuntat persuna bħala '*manager*' tas-sit partikulari u jkollu r-responsabbilta li jara' li tali abbużi u oħrajn ma jseħħux? Dan jista' jservi wkoll bħala '*link*' ta' kommunikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, awtoritajiet u s-sidien infushom. Għandhom dawn tal-aħħar jaħtru Amministrattur minn bejnithom stess biex il-livell ta' kommunikazzjoni jkun aktar effiċċjenti u spedit? L-Amministrattur flimkien mall-'*manager*' jistgħu anki jikkordinaw '*booking slots*' minn qabel u allura jiġi evitat '*over crowding*', anki għal ġid tas-sidien infushom u t-tgawdija tal-post.

Nemmnu li dawn huma domandi li jistgħu iqanqlu diskussjoni sana sabiex jinstabu l-aħjar mekkaniżmi għat-tħaddim ta' zoni jew siti simili.

- **Niċċa ġdida ta' Turiżmu**

Bi pjan ħollistiku u fit-tul, dan is-settur jista' jkun niċċa ġdida anki għas-settur turistu. Biex dan isir, ikun meħtiega pjan ta' enerġija għas-siti, preferibbilment minn sorsi alternattivi u ndaf, infrastruttura ta' '*charging pillars*' rapidi, sistemi u imfrastruttura moderna għal dranaġġ u servizzi oħra sanitarji, '*supply*' ta' ilma, konnettivita' b'saħħitha ta' internet, kif ukoll affarijiet oħra bżonnjużi ta' kuljum sabiex wieħed jevita traġitti għal bliet u rħula sabiex isir xiri ta' dawn l-oġġtti. Idealli li kieku siti bħal dawn turistici jkunu qed jippromwovu l-prodott lokali malti. Dan jagħti ħjiel tal-kulturi u drawwiet tradizzjonali tal-kċina Maltija. Dan jagħti vantaġġ fuq siti oħra madwar l-Ewropa għaliex anki dak li huwa reklamar ikun wieħed awtentikat.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Jekk bħala Pajjiż ser inħarsu lejn xi ħaga simili, irridu naċċertaw li jkun hemm konnettivita tajba u b' saħħitha f' dak li hu trasport. Irid ikun hemm traspost tajjeb bejn l-ajruport u s-siti kif ukoll mis-siti għal attrazzjonijiet differenti madwar il-Pajjiż, fosthom' Ċirkewwa, il-belt kapitali, Mdina, Kottonera.

F' dawn is-siti wkoll, għandu jkun hemm informazzjoni dwar *pathways, cycling routes* fir-rural li minnhom jistgħu iwasslu lil dak li jkun għal postijiet oħra ta' interess. Jiġu f' moħħi postijiet bħar Rabat, Dingli, Qrendi / Żurrieq, Siġġewi / Għar Lapsi, Marsaxlokk / Tas-Silġ u oħrajn.

Fl-istess zoni għandu jkun hemm ukoll tkabbir ta' ħaxix frisk bhal '*herbs*', li wieħed ikun jista' jmur u jikkonsma minnhom.

Dan kollu jagħti identita' u jigbed lejh nies li jkunu qeghdin espressivament ifittxu ambjent simili għal vakanza tagħhom.

- **Konkluzjoni**

Siti bħal dawn, kemm għat-turist lokali kif ukoll barrani, jista' jew jagħti esperjenza li wieħed jibqa' jiftakar għar-raġunijiet it-tajba jew inkella esperjenza qarsa, anki lil dawk li ma jagħmlux użu minnhom.

Għaldaqstant, kull intervent għandu jsir sabiex nassiguraw li fejn se jiġi desenjat għal dan il-għan, ikun hemm livelli għolja ta' sanita, saħħa, ħarsien tal-ambjent, sigurta' u accessibilta.'

Nemmnu li kulħadd għandu jingħata ċ-ċans u kull opportunita' li jgawdi d-delizzju tiegħu iżda dan għandu jsir b' rispett u bilanċ lejn l-ambjent u dawk li qed jgħixu miegħu.

Importanti wkoll f' dan kollu l-intervent tal-entitajiet u angenziji tal-Gvern. Iridi ikun hemm sinerġija u kommunikazzjoni bejnithom sabiex ix-xogħolijiet li jsiru, jsiru fi żmien adekwat u fil-perjodu t-tajjeb tas-sena. Ma jagħmel l-ebda sens li mmorru sabiex niddentifikaw siti simili jkun propju meta s-sit jkun mimli nies, isiru ċertu xogħolijiet li jħallu impatt u negattiv u nkonvenjent.

Nemmnu li b' rieda politika, b' impenn, bi pjanar fit-tul u sinerġija bejn kulħadd, dan huwa settur li jista' jikber u j [alli l-frott tieg [u anki fuq livell finanzjarju għall-Pajjiż

Mario Fava

President